**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Salvatore La Rocca**

Numru 50/2017

Illum sebgha (7) ta' Frar 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat **Salvatore La Rocca**, iben Enrico u Maria nee' Viola, imwieled l-Italja fil-25 ta' Settembru 1976, jgħix ġewwa 28, Flat 1, Triq Bernardette, San Ġwann u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 69160A akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar ta' Settembru 2016 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżuluzzjoni waħda (Art 18 Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta):

1. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Sara Barbieri kif ukoll ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li kien ta' fastidju għal imsemmija persuna (Art. 251A (1)(a)(b) Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Akkużat aktar talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi inġurja jew hedded lil Sara Barbieri (Art. 339 (1) (e) Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali);

3. Akkużat aktar talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel xi reat u/jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih (Art. 49 (a) (c) Kap 399);

4. Akkużat aktar talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Sara Barbieri, weġġagħha bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor (Art 252(1) Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

5. Akkużat aktar talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi mingħajr awtorizzazzjoni uża kompjuter jew xi tagħmir jew apparat ieħor

biex tidħol f'xi data, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-kompjuter jew f'xi kompjuter ieħor, jew uża, ikkopja jew immodifika kull data, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għad-dannu ta' Sara Barbieri u/jew persuni oħra (Artikolu 337 C (1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

6. Akkużat aktar talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi mingħajr awtorizzazzjoni fixkel jew interrompa l-funzjonament ta' sistema tal-informatika, billi daħħal data fil-kompjuter, billi ttrassmetta, għamel ħsara, ħsarat, iddeterjora, biddel jew żamm lura data bħal din jew irrendiha inaċċessibbli; inkluż li biddel l-indirizz tal-post elettroniku ta' Sara Barbieri u/jew persuni oħra (Artikolu 337 C (1)(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

7. Akkużat aktar talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi uża l-kodiċi ta' dħul, *password*, isem l-utent, indirizz postal elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' Sara Barbieri f'kompjuter jew b'xi mod kisser kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex akkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha (Art 337C (1)(i) Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat l-Atti processwali kollha u d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Fol. 17).

Rat li meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Fol. 24)

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u l-parte civile.

Semghet lill-imputat jixhed min jeddu b'mod volontarju.

Semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-parte civile (Fol. 452 et seq) u tad-difiza (Fol. 471 et seq).

- **Riassunt tax-Xhieda Prodotti**

Il-Qorti sejra tibda billi fil-qosor tindika dak li xehdu d-diversi xhieda li gew prodotti f'din il-kawza.

**PC 593 Raphael Attard Flores** (Fol. 25 et seq) xehed li fil-21 ta' Settembru 2016 Sara Barbieri ghamlet rapport fl-Ghassa ta' San Giljan fejn hija spjegat li kellha relazzjoni mal-imputat Salvatore La Rocca, liema relazzjoni kienet intemmet, u li kien ghad baqa' problemi bejniethom. Spjegat li fix-xahar ta' Awissu 2016 l-imputat kien qieghed jghaddi ripetutament bil-mutur tieghu minn Triq Sant' Andrew u Triq l-Ibragg, it-toroq fejn hi kienet toqghod u fejn hi marret toqghod kif wkoll minn quddiem il-Hair Salon taghha. Kompliet tghid li kull darba li kienet qieghed jghaddi, dan kien qieghed jieqaf bil-mutur u joqghod jirrejzja l-mutur. Il-mutur jaghmel hoss partikolari u hi kienet qed

taghraf dan il-hoss partikolari.  Dan kollu kien qieghed jintimidaha.

PC 593 Raphael Attard Flores baghat ghall-imputat b'rabta ma' dan ir-rapport.  L-imputat qallu li seta' ghadda minn dawn it-toroq ghax huma toroq tieghu lejn id-dar jew ghal xi hbieb tieghu.  B'riferenza ghal facebook u l-gmail accounts, li Barbieri qalet li l-imputat kien dahlilha go fihom, l-imputat cahad li huwa kien dahal fl-istess accounts.  Mistoqsi fuq il-passwords, l-imputat l-ewwel qallu li ma biddilx passwords u li kienet Barbieri li biddlithom u imbaghad qal li huwa ma kien jaf xejn f'dan ir-rigward.

In kontro-ezami PC 593 specifika li l-parte civile qatt ma qaltlu li l-imputat kien nizel minn fuq il-mutur u li kien habtilha fuq il-hanut taghha.  Qal wkoll li l-parte civile qatt ma kienet ratu *face to face*.  Sostna li din li joqghod jieqaf u jirrezja l-mutur grat hafna drabi tant li missier il-parte civile kellu jinzel mll-Italja u ghamel certu zmien jghix maghha ghax bdiet tibza.  Temm jghid li Barbieri kienet ilmentat mieghu biss fuq ix-xahar ta' Awissu 2016.

**<u>Sara Barbieri</u>** (fol. 33 et seq) xehdet li hi kellha relazzjoni mal-imputat, liema relazzjoni kienet bdiet fl-2014.  Din ir-relazzjoni intemmet wara xi sena u nofs, ghall-habta ta' April 2016.  Huma xorta komplew jitkellmu wara li temmew ir-relazzjoni peress li ippruvaw jibqghu hbieb.  Pero` imbaghad Barbieri tkompli tghid li wara li hi baqghet determinata li ma tmurx lura fir-relazzjoni, l-imputat beda jdejjaqha billi jibghat messaggi lilha direttament, lil hbiebha u lill-membri tal-familja taghha u billi jghaddi minn fejn is-saloon taghha f'San Giljan.  Xehdet li beda

jibghatilha lil diversi spetturi fil-hanut taghha u li kien anke baghtilha xi invoices ghall-hlas. Apparti minn hekk l-imputat biddel anke l-passwords tal-Facebook u l-gmal koncernanti n-negozju taghha ghaliex kien wiehed mill-administrators ta' dawn l-accounts. Spjegat wkoll li f'Awissu 2016 l-imputat kien qieghed jghaddi kuljum bil-mutur tieghu minn fejn il-hair saloon taghha. Qalet wkoll li hija marret toqghod tal-Ibragg u wara xi xhur indunat li hu kien gie joqghod fl-istess triq fejn kienet marret toqghod hi. Irreferiet wkoll ghall-incident fejn hi u missierha kienu reqdin u l-imputat ghadda fl-erbgha ta' filghodu. Huwa beda jghajjat u qajjimhom u hi kienet bezghet.

In kontro-ezami, l-parte civile ikkonfermat li l-imputat kien hadem maghha u li hi kellha anke taghtih il-paga tieghu u li l-accountant taghha kien qieghed jiehu hsieb dawn l-affarijiet. Qalet wkoll li l-klieb li kellhom hi kienet hallset ghalihom. Ix-xhud qalet wkoll li hija kienet disposta li thallas lill-imputat l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf ewro (€ 22,000) pero` l-partijiet ma waslux ghall-ftehim. B'riferenza ghall-facebook page u l-gmail, Barbieri ikkonfermat li kemm hi u kemm l-imputat kellhom access ghall-passwords ta' dawn il-kontijiet u li meta ma kinux ghadhom flimkien, Barbieri ma kintix biddlet il-passwords.

Fil-kontro-ezami ulterjuri taghha tal-ewwel (1) ta' Frar 2018, il-parte civile tikkonferma li r-rapport mal-Pulizija sara wara li hi u l-imputat ma waslux biex jiffirmaw ftehim li jaghlqu l-kwistjonijiet ta' bejniethom. Ikkonfermat wkoll li qabel ma effettivament ghamlet ir-rapport, l-istess parte civile kienet imblokkatu minn facebook.

**<u>Gian Pietro Barbieri</u>** (Fol. 234), missier il-parte civile xehed li l-imputat kien johrog ma' bintu. Spjega li meta kien gie f' Awissu 2016 sab lil bintu qeghda f'paniku shih Dan ghaliex l-imputat kien qieghed jippersegwita lil bintu permezz ta' facebook u kien anke qieghed jghaddi bil-mutur biex jghidilha li kien jaf fejn hi. Spjega wkoll li darba minnhom kien iltaqa' mal-imputat biex jikkjarifikaw l-affarijiet u l-imputat ipprezenta ruhu b'curkett b'ras ta' mewt fuqu. Din il-haga tatu fastidju u kien ghalhekk li huwa kellu jirreferi l-kaz lill-awtoritajiet.

**<u>Debora Barbieri</u>** (Fol. 239) xehdet li l-imputat kien johrog mal-parte civile. Spjegat li l-imputat beda jitlob xi flus lill-parte civile fis-sajf tal-2016 u dan billi jibghatilha l-invoices. Spjegat li l-imputat kien imur quddiem is-saloon bil-mutur ta' kuljum. In kontro-ezami x-xhud qalet li wara li r-relazzjoni ta' bejniethom spiccat, l-imputat ipprova jerga' jirranga izda l-parte civile ma riditx u kien ghalhekk li imbaghad l-imputat beda jitlob il-flus lill-istess parte civile. Mistoqsija jekk tafx lil Nicola Tardi, x-xhud wiegbet fl-affermattiv. Mistoqsija jekk Tardi kienx juza l-mutur, ix-xhud wiegbet li hija dejjem lill-imputat rat bil-mutur. Ikkonfermat wkoll li l-imputat kellu vettura li kien ihalli lill-impjegati tal-hanut ta' Sara Barbieri jaghmlu uzu minnha. Ic-cwievet tal-vettura kien jehodhom is-saloon Nicola Tardi.

**<u>Nadia Botticini</u>** (Fol. 248 et seq) omm il-parte civile xehdet li bintha kienet qeghda f'relazzjoni mal-imputat. Spjegat li l-imputat ma tantx kien jistma lil bintha u li kien jiddemoralizzaha. Ix-xhud qalet li hija qatt ma fehmet x'xoghol kien jaghmel l-imputat fis-saloon ghaliex kien jidhol fis-saloon, jintefa' ghal ftit fuq il-kompjuter u imbaghad kien jerga'

johrog. Tistqarr li hi ma kinitx taf ghal xiex kien qieghed jithallas.

L-imputat **<u>Salvatore La Rocca</u>** xehed fit-tul fis-seduta tad-disgha (9) ta' Frar 2018 (Fol. 264 et seq). Huwa ikkonferma li kien qieghed f'relazzjoni mal-parte civile u li kien anke beda jahdem fis-saloon tal-parte civile. Spjega wkoll kif tul ir-relazzjoni taghhom kienu anke bdew irabbu zewgt iklieb li saru l-mimmi ta' ghajnejh. Ir-relazzjoni ta' bejniethom intemmet f'Mejju 2016. Pero` wara dik id-data kien baqghu jitkellmu u kienu anke ippruvaw jirrangaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. Sahansitra f'intervista li l-parte civile kienet tat f'Awissu 2016 hija kienet anke irringrazzjat lill-imputat tal-ghajnuna tieghu. Ix-xhud kompla jghid kif hu kien anke sellef flus lill-parte civile sabiex jintuzaw ghat-tmexxija tan-negozju u in sostenn ta' dan ipprezenta numru ta' statments, tal-Bank of Valletta. Kompla jghid li wahda mill-haddiema tal-parte civile kienet anke inkisritilha l-vettura u hu kien ha hsieb isellifha l-vettura tieghu u li hu kien beda juza mutur ta' Nicola. Gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn Nicola kien ikollu bzonn il-vettura tieghu u allura peress li din kienet ghand wahda mill-impjegati kien imur il-hanut tal-parte civile bil-mutur, jigbor ic-cwievet tal-vettura, jaghmel il-qadjiet tieghu u jerga' jhalli l-istess vettura fil-hanut.

Ix-xhud kompla jghid li sa Awissu 2016 kien qieghed joqghod f'St Andrews. Pero` imbaghad kienu gew il-genituri tal-parte civile u hu offra li johrog mid-dar fejn kien qieghed joqghod biex il-parte civile u l-genituri taghha jkunu jistghu joqoghdu go fiha, basta li ta' kull filghodu u filghaxija ihalluh jara lill-klieb. Gara li l-parte civile bdiet tghid affarijiet li ma kinux veri fuq l-imputat. L-imputat ghalhekk kien

kostrett li jitlob li issir laqgha biex id-diffikultajiet ta' bejniethom jigu sorvolati.

Darba minnhom mar biex jara l-klieb u ma sab lil hadd fid-dar. Il-klieb lanqas ma kienu hemm. Saret imbaghad komunikazzjoni mieghu da parti tal-Avukat tal-parte civile fejn huwa gie infurmat li sabiex jiehu lura l-klieb ried jiffirma skrittura li ma kellu jippretendi xejn aktar minghand il-parte civile hlief ghal erbat elef ewro (€ 4,000) u kellu wkoll ihallas valur ta' kelb kif wkoll nofs l-ispejjez relatati maz-zamma tal-klieb peress li sadanittant il-klieb kienu tpoggew f'dar ghall-klieb. Il-ftehim ma kienx isemmi l-paga li kellu jiehu hu kif wkoll il-hlas lura tas-self li kien sar minnu lill-parte civile. Dan hu rah bhala rikatt. Kien attenda ghal-laqgha ghand l-Avukat tal-parte civile Pero` huwa ma kienx accetta li jiffirma l-ftehim propost minnhom.

B'riferenza ghall-akkuza specifika li huwa kien qieghed imur bil-mutur quddiem is-saloon ta' Barbieri, l-imputat xehed li t-triq kien jghaddi minnha ghax kien joqghod fl-istess triq u hija triq principali. Qal wkoll li habibu Nicola Tardi kien imur jigbor il-vettura li huwa kien sellef lil wahda haddiema tas-saloon u barra minn hekk fl-istess triq joqoghdu grupp ta' sewwieqa tal-mutur. Ghalhekk huwa cahad li kien qed imur bil-mutur quddiem l-istess hanut. Apparti minn hekk f'Awissu wkoll, huwa stess kien offra d-dar tieghu biex il-genituri tal-parte civile jkunu jistghu joqoghdu fiha ghall-perijodu tal-vaganzi. L-imputat cahad li huwa kien biddel xi passwords tal-facebook u tal-google accounts. Anzi dawn l-accounts kienu dejjem miftuhin u setghu jintuzaw minn kullhadd.

In kontro-ezami, b'riferenza ghall-invoice ta' aktar minn €100,000 xehed li dik l-invoice kien qallu jippreparaha missier il-parte civile wara li dan kien talbu kemm kien qieghed jippretendi ta' xoghlu. Ghar-rigward l-email ta' Lucia Mastro Giachomo, l-imputat cahad li dawn kienu emails li kien qieghed jibghat hu. Hu cahad wkoll li kellu xi saloon. Mistoqsi ghaliex kien kera dar qrib dik tal-parte civile, l-imputat wiegeb li biex ikun qrib il-post tax-xoghol tieghu. B'riferenza ghall-invoice li kien baghat f'Gunju 2016, l-imputat spjega li din haseb li kienet ghadha pendenti. Pero` imbaghad irrizulta li din kienet giet imhallsa. L-imputat rega' cahad wkoll li huwa kien qieghed imur bil-mutur quddiem is-saloon jew ir-residenza tal-parte civile.

**Nicola Tardi** (Fol. 344) xehed fis-seduta tas-sitta (6) ta' April 2018. Huwa ikkonferma li kien jaf kemm lill-imputat kif wkoll lill-parte civile u fil-fatt kien hu li laqqaghhom ma' xulxin. L-imputat kien beda jahdem ghall-parte civile u bejniethom kienet nibtet wkoll relazzjoni. Gara li r-relazzjoni ta' bejniethom sfaxxat. Pero` xorta baqghu b'kuntatt bejniethom. L-imputat kien sellef il-vettura tieghu lill-haddiema tal-parte civile u kien anke qieghed jghinha fuq reklamar b'rabta ma' kuncerti li kienu sejrin isiru f'Malta. It-tnejn kienu ghadhom jitkellmu u l-imputat kien anke ghadu jmur fil-hanut taghha. Kompla jghid li t-tnejn kienu joqoghdu s-Swieqi u imbaghad meta ma baqghux flimkien Sarah marret toqghod il-Madliena. Gara li meta gew il-genituri ta' Sara ghall-btajjel taghhom, l-imputat hareg mid-dar tas-Swieqi sabiex dawn jkunu jistghu joqoghdu go fiha.

Spjega wkoll li t-tnejn kienu imbaghad kisruha b'mod definittiv minn ma' xulxin peress li l-parte civile qalet xi gideb u diskors negattiv fuq l-imputat, liema gideb l-imputat hassu urtat bihom tant li kien talab laqgha mal-genituri tal-parte civile. Ix-xhud ikkonferma li kienet prezenti ghal din il-laqgha. Spjega wkoll li l-klieb kellhom joqoghdu mal-parte civile sal-ahhar ta' Awissu 2016 u imbaghad kellhom jigu moghtija lura lill-imputat. Din il-haga, baqghet ma saritx u l-klieb kienu anke spiccaw f'dar ghall-klieb. Kienet saret offerta lill-imputat biex jiffirma xi dokumenti biex jara l-klieb u li jekk ma kienx sejjer jiffirma ma kienx sejjer jarahom aktar. B'riferenza ghad-dokument a fol. 52 tal-process u cioe` ittra tal-imputat, ix-xhud ikkonferma li huwa kien ghadda din l-ittra bi zball u li qatt ma kellu struzzjonijiet biex dik l-ittra jghaddiha lill-parte civile. B'riferenza ghall-invoice tal-€ 100,000 ix-xhud wiegeb li din kienet intalbet minn missier il-parte civile biex jigi kwantifikat ix-xoghol li kien ghamel l-imputat. Missier il-parte civile stess kien qal lill-imputat li kien zbalja li hadem minghajr kuntratt tax-xoghol. Pero` ghamilha cara li l-imputat qatt ma talab dan il-hlas.

B'riferenza ghall-kwistjoni tal-mutur, ix-xhud ghamilha cara li hu kellu l-mutur u li dan il-punt kien anke qalu kemm lill-parte civile kif wkoll lill-missierha. Spjega li kien hu li gieli mar id-dar tal-parte civile u anke l-hanut taghha. Kien hu wkoll li kien jghaddi minn quddiem id-dar tal-parte civile bil-mutur. Ix-xhud sostna li l-parte civile kienet konxja ta' dan kollu. B'riferenza ghall-facebook account, ix-xhud wiegeb li kullhadd kellu access ghalih. Apparti minn hekk meta kien qieghed jaghmilha ta' intermedjarju bejn il-partijiet, l-parte civile qatt ma semmietlu xejn fuq din il-kwistjoni u l-parte civile kienet tghidlu kollox.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li hija mhix Qorti Civili izda Qorti ta' kompetenza kriminali. **Minn ezami tal-process u tad-dokumenti kollha li gew prezentati jinghad li l-maggior parti tax-xhieda li inghatat u d-dokumenti li gew prezentati aktar kienu rilevanti ghall-process civili milli ghall-process kriminali. Proceduri kriminali qatt m'ghandhom jintuzaw sabiex jigu ventilati kwistjonijiet li huwa purament civili bejn il-partijiet u l-istess partijiet ghandhom jaraw li tali kwistjonijiet jigu trattati quddiem il-Qrati kompetenti. Inkella jkun qieghed jinhela hin prezzjuz tal-Qrati Kriminali, liema hin jista' jigi uzat biex jigu trattati kwistjonijiet verament penali u hafna aktar serji minn hekk. Hija l-umli fehma ta' din il-Qorti li dan il-kaz qatt ma kellu jispicca quddiemha ghaliex il-kwistjonijiet bejn il-partijiet kienu affarijiet civili rizultanti minn ksur tar-relazzjoni ta' bejniethom, liema kwistjonijiet bi ftit buon sens bejniethom setghu gew facilment risolti.**

La darba qeghdin f'forum penali, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved*

*beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

F'dan il-kaz wkoll il-Qorti giet rinfaccjata b'verzjonijiet konflingenti ta' dak li allegament sehh bejn il-partijiet. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal*

*liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t' Ottubru 2006)."*[1]

Maghmulin dawn l-esposizzjonijiet generali, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalvwa r-reati li bihom qieghed jigi akkuzat l-imputat.

## A. Ksur tal-Artikolu 251(A) tal-Kap. 9 (Ir-Reat tal-Fastidju)

Il-Qrati taghna kellhom l-opporunita` kemm -il darba li jezaminaw l-aspetti intrinsici legali ta' dan ir-reat. Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-**ismijiet Il-Pulizija vs Natal Fava** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Frar 2014. Il-Qorti spjegat li:

*"r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati flartikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba*

[1] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

*filligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*

*"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik ilpersuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that*

*being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :- "-. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fittest Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta'*

*reati li ta' sikwit jimbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."*

Minn ezami tal-provi prodotti, il-parte civile tistqarr li tali fastidju sehh meta l-imputat allegatament kien imur quddiem il-hanut taghha bil-mutur u meta mar jghajjat quddiem ir-residenza taghha meta kien hemm il-genituri taghha maghha.[2] Skont l-istess rapport dan allegatament sehh f' Awissu 2016. Il-Qorti pero` ghandha dubji sejri (u mhux sempliciment dubji ombra) kemm tista' tinstab htija tal-imputat taht dan l-artikolu tal-ligi. Dan qieghed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Nicola Tardi, ix-xhud prodott mid-difiza, u li kien qieghed jaghmilha ta' intermedjarju bejn il-partijiet jispecifika bl-aktar mod car u inekwivoku li kien hu li kien qieghed imur bil-mutur quddiem il-hanut tal-parte civile u li hu kemm -il darba kien informa lill-parte civile u lil missierha dwan dan:

*"Dr G Demarco : Poi ha allegato che Salvatore andava con la moto vicino a casa sua durante la notte eccetera*

*Xhud : Queste cose qua l' ho spiegate a Sara e al padre di Sara. Le mote c' e' l' avevo io, andavo io a casa di Sara e*

---

[2] Ara okkorrenza a fol. 9 tal-process.

*andavo anche in negozio e sua padre lo sapeva bene. In fatti il padre mi disse una volta, la prima volta che mi vede il moto mi disse chi e' ? Sono Nicola. Siedemmo e lui mi spiego, li spiegai che Salvatore non usava le moto perche tra l' altro era anche al Estero, le moto c' e' l' avevo io e io andava a casa di Sara tutte le sere quasi con quella moto. Andao anche in negozio a prendere gli appuntamenti per tagliarmi i capelli uno. Due come abbiamo detto varie volte la casa is on the main road so quando io andavo al Cafe del Mar o andavo in Ibragg o andava dalla ragazza qua e la si passa li davanti. Pero' questa cosa qua e' diventata un cosa ridicolous perche abbiamo visto varie volte che il padre sa bene che la moto c' e' l' avevo io nel mio garage. Anche perche i genitori di Sara sono andati a vivere nella case e li hanno fatto fare . . . . le moto e le moto erano nel mio garage. E lei lo sai bene perche poi ogni volta sono stato nel suo negozio li fuori e per gli appuntamenti andavo tutti i giorni quasi."*[3]

Ta' min jinnota li l-verzjoni moghtija minn Nicola Tardi fl-ebda hin ma giet kontradetta mill-parte civile; stranament fil-fatt lil dan ix-xhud ma sarlu l-ebda kontro-ezami. Apparti minn hekk fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile m'hemm l-ebda riferenza ghad-deposizzjoni ta' Tardi, b'mod partikolari ta' dak li huwa sostna fix-xhieda tieghu u cioe` li kien hu li kien qieghed imur bil-mutur; il-kredibbilita` tieghu lanqas ma giet attakata.

[3] Fol. 357 – 358 tal-process.

(b) L-imputat dejjem cahad li kien qieghed imur bil-mutur. Il-fatt li l-imputat ma eskludiex li seta' ghadda mill-istess triq xi drabi b'daqshekk ma tirrendihx hati ta' tali reat; u lanqas ma tista' tammonta ghal xi forma ta' ammissjoni. Apparti minn hekk fid-dawl tal-gurisprudenza ricenti tal-Qrati taghna dak li qal l-imputat lil PC 593 (u dan qabel ma ta l-istqarrija vera u propja) lanqas ma jista jitqies ammissibbli in vista li ma jidhirx li dan informa lill-imputat bid-drittijiet tieghu;

(c) Fir-rapport taghha lill-Pulizija u fix-xhieda taghha, il-parte civile qatt ma qalet li rat lill-imputat; izda li dejjem semghet biss il-hoss tal-mutur. Dan ikkonfermah wkoll PC 593 Raphael Attard Flores;[4]

(d) Missier il-parte civile li sostna fid-deposizzjoni tieghu kemm ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet marret ghall-aghar u li bintu kienet ghaddejja minn hafna stress, ma jsemmi assolutament xejn dwar l-allegat incident fejn l-imputat mar jghajjat quddiem ir-residenza tal-parte civile. Dan meta kif tistqarr il-parte civile missierha kien qieghed maghha dakinhar. Tenut kont tad-dettalji li inghataw, wiehed kien jistenna li tali incident jigi korraborat mill-missier. Dan apparti l-fatt li jidher li dan l-allegat incident sehh darba wahda biss;

(e) Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li f'Settembru 2016 kienu

[4] Fol. 27 tal-process.

ghaddejjin konversazzjonijiet bejn il-partijiet bl-email. Is-sens komun jghidlek li jekk f'Awissu 2016 l-parte civile kienet qeghda taht stress minhabba dawn l-incidenti tal-mutur u dak li kien gara bil-lejl, hija kienet taqta' kull kuntatt mal-imputat u se mai tillimita l-kuntatt mal-imputat tramite il-legali taghha. Dan pero` ma kienx il-kaz; anzi t-ton uzat fl-emails ma kienx jindika li l-parte civile kienet taht xi stress jew li l-imputat kien qieghed jikkaguna fih xi sens ta' allarm; anzi fil-kitbiet taghha hija kienet qeghda tasserixxi b'mod mill-aktar assolut il-posizzjoni taghha u f'waqtiet minnhom wkoll tinsisti li sejra tiehu proceduri legali kontra tieghu jekk ma jaghlqux il-kwistjonijiet civile bejniethom. Riferenza issir ghall-emails a fol. 135 - 136 tal-process mibghuta mill-parte civile lill-imputat:

> *"Io non concepiro` mai questi tuoi modi, questa tua arroganza e la presunzione di poter comandare ancora la mia vita e di sentirti sempre un passo sopra tutti.*
>
> *Non ti elenchero` nessuno dei rischi cui andrai incontro se non dovessimo arrivare all' accordo perche` saro` tutto in mano a lei [b'riferenza ghall-Avukat tal-parte civile], io personalmente non ti ci vorrei fare arrivare perche` odio fare del male agli altri, figuriamoci a persone che ho amato; ma purtroppo siamo diversi, tu certi punti di vista neppure li vuoi vedere, tu come gia` detto piu` volte in passato vuoi solo rovinarmi e se l'unico modo per difendermi e` questo non mi rimane altra scelta. Non ho paura, sono pronta a*

*pagare i miei errori e se qualcuno mi spieghera dove e quali sono stati daro` le mie risposte, difendendomi ed attaccandoti come e` poi logico che sia, date che attacare me e` cio` che io capisco che tu reputi la cosa piu` giusta."*

(f) L-emails a fol. 221 sa 228 tal-process li wkoll jirrelataw ghal Settembru 2016, precizament ghal jumejn qabel ma sar ir-rapport mill-parte civile li wassal ghal dawn il-proceduri, juru wkoll li kienet ghaddejja konversazzjoni bejn il-partijiet bl-emails u li xi whud minn dawn il-konversazzjonijiet kienet wkoll bdiethom l-istess parte civile. Ghal darba ohra t-ton tal-parte civile ma kienx jaghti s-sens ta' xi wahda li kienet imwerwra mill-parte civile: *"Questi tuoi giochetti ridicoli non funzionano piu`. Nessuno ti sta perseguitando, nessuno perde il proprio tempo cosi. Mi dispiace ma io mai avrei immaginato potessi arrivare a questi punti cosi meschini."*[5]

(g) L-emails a fol. 63 – 68 tal-process, li kienu gew skambjati fid-19 ta' Settembru 2016, juru wkoll bic-car li l-partijiet kienu ghaddejjin fi trattattivi biex isolvu l-kwistjonijiet civili ta' bejniethom; il-konversazzjoni bejniethon tibqa' ghaddejja b'botta u risposta. Huwa stramb wkoll – meta suppost il-parte civile kienet taht stress – fl-ebda hin ma tindika li hija ma riditx li tiltaqa' mal-imputat biex jigi iffirmat il-ftehim. Anzi hija stess tghid lill-imputat li jekk ma jhossux komdu jiltaqa' maghha, tista' taghmel l-arrangamenti biex hija ma tkunx prezenti.[6]

[5] Fol. 225 tal-process.
[6] Fol. 64 tal-process.

(h) F'Awissu 2016, il-parte civile sahansitra tirringrazzja lill-imputat b'mod pubbliku ghall-fatt li kien irrangalha ghall-intervista fuq magazine;[7]

Il-Qorti issibha difficli ferm biex tara kif jista' jirrizulta r-reat ta' fastidju f'tali kuntest, aktar u aktar meta mill-atti hareg car li l-ftehim li jitkellmu fuqu l-partijiet ma giex iffirmat u r-rapport fuq l-allegati incidenti ta' Awissu sar fil-21 ta' Settembru 2016.[8] Il-Qorti taghmel taghha dak li targumenta d-difiza taghha fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha: *"Wiehed oggettivament ghandu x'jifhem, illi jekk persuna ha tibqa' tirrispondi ghall-messaggi mibghuta, din il-persuna ma hijiex qed thossha oppressed u/jew alarmed u/jew distressed bis-sitwazzjoni."*[9]

Ghalhekk il-Qorti mhix sejra issib htija taht dan l-artikolu.

**B. <u>Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 (Inguri u Theddid)</u>**

Bhala kunsiderazzjoni legali in konnessjoni ma' din il-kontravvenzjoni, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Camlleri** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-30 ta' Settembru 2009:

*"Skond il-gurisprudenza Il-Pulizija versus Joseph Frendo*[10]*' it-*

[7] Fol. 329 tal-process.
[8] Fol. 7 tal-process.
[9] Fol. 482 tal-process.
[10] Deciza mill-Qorti talAppell Kriminali (Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 1995.

*theddid ifisser li agent ikun qed jippospetta lil persuna oħra ħsara ingusta. 'Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ……u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-gesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9, theddid tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodiëi , e.ż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess agent."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar** inghad li: *"Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-attaggjament jammonta għal minaccja reali u verbali."*[11]' Theddida lanqas ma titlef mis-serjeta` taghha jekk tkun kundizzjonata.[12]

Ingħad ukoll li minaccja ma titlifx mis-serjeta' tagħha billi tkun kundizzjonata. Antolisei jishaq li: *" e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' delle persone a cui e' rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti faro' vedere di che cosa sono capace."*[13]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-parte civile tindika li fil-kaz

[11] Deciza mill-Imhallef Dr W. Harding fil-25 ta' Gunju 1952.
[12] Ara f'dan is-sens Stella Bugeja vs Rosina Bugeja tal-31 ta' Jannar 1949
[13] Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale' (Milano Giuffre)

odjern *"it-theddid tal-imputat ha forma ta' invoice."*[14] Il-Qorti ma tarax kif tali xenarju jista' jaqa' fil-parametri ta' din l-akkuza u kif dan jista' jitqies li tammonta ghall-hsara ingusta. Irrizulta li l-imputat kien jahdem fis-saloon tal-parte civile u anke jaghmel xoghol iehor fl-interess taghha. Jidher wkoll li sar xi self ta' flus mill-imputat lill-parte civile. Fic-cirkostanzi ghalhekk li l-imputat jibghat invoice jew invoices lill-parte civile – jekk huwa kien qieghed jghid li ma rceviex dak dovut minnu, u dan minghajr ma wiehed jidhol fil-punt jekk l-ammont reklamat kienx dovut jew le – kienet konsegwenza naturali tal-relazzjoni kummercjali li l-partijiet kellhom bejniethom. Id-diverbju bejn il-partijiet jidher li kien precizament fuq il-kwistjoni finanzjarja ta' bejniethom u li l-klieb kienu qeghdin jintuzaw bhala forma ta' arma b'rabta mal-quantum li seta' kien dovut. Apparti minn hekk l-parte civile ma jidher li hallset l-ebda ammont minn dak reklamat mill-imputat bl-invoices tieghu; anzi kien hemm cirkostanzi fejn hija irribattiet permezz tal-accountant taghha li certu *invoices* kienu anke thallsu.[15] Wiehed jifhem li dawn it-talbiet ghall-hlas setghu dejqu lill-parte civile; imma b'dan kollu ma jistax jitqies li kien hemm it-turbattiva tat-trankwillita` li jitkellem minnha l-Antolisei ghall-sejbien ta' htija taht dan l-artikolu ghax b'daqshekk ma kien qieghed isir l-ebda diskors jew azzjoni li b'xi mod seta wassal biex l-parte civile jkollha biza' ghall-inkoluminita` taghha.

L-istess jista' jinghad wkoll ghall-fatt li l-parte civile hassitha mheddha ghaliex saru diversi rapporti lill-awtoritajiet kompetenti. Pero` il-fatt li

---

[14] Fol. 458 tal-process.
[15] Fol. 180 tal-process.

wiehed jaghmel rapport jew inkella sahansitra jghid li sejjer jiehu proceduri legali kontra persuna, lanqas ma jista' jigi kalkulat bhala xi forma ta' theddida ingusta jew li tohloq xi forma ta' perikolu ghall-persuna. Dan biex ma jinghadx wkoll li ma tressqet l-ebda prova dwar ir-rapporti li allegatament saru fil-konfront tal-parte civile lill-awtoritajiet kompetenti.

Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li lanqas ma tirrizulta htija taht dan l-artikolu tal-ligi.

C. **<u>Artikolu 49(a)(c) tal-Kap. 399 (Theddid ta' Reat u/jew Uzu mhux xieraq ta' network jew appartament ta' komunikazzjoni elettronika)</u>**

L-element essenzjali ghal sejbien ta' htija taht l-artikolu 49(a) tal-Kap. 399 huwa li jkun sar theddid li se jsir xi reat u dan bl-uzu ta' network jew apparat elettroniku. Minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile u anke mill-provi prodotti, minn imkien ma rrizulta li l-imputat hedded li se jsir xi reat. Infatti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-parte civile tghid li: *"Jigi sottomess li ghalkemm dan il-kaz jitratta dwar ingurji u theddid li allegatament sehhew permezz tal-informatika u cioe` tramite e-mails u messagi bl-sms fuq telefon cellulari."* Il-parte civile dejjem qed taghmel riferenza ghal theddid u ingurji diretti fil-konfront tal-persuna taghha. Il-parte civile tindika li kien sar wkoll diskors fis-sens li l-imputat kien sejjer jaghmel u effettivament ghamel xi rapporti ma' xi awtoritajiet kompetenti (bhal tal-VAT, Jobsplus ecc). B'daqshekk pero` tali rapporti kif gia` inghad ma jammontawx ghal xi theddida li kien

sejjer jitwettaq xi reat.

Dan apparti l-fatt li baqghu ma ingabux provi mil-liema numru u mil-liema IP address kienu intbaghtu l-emails u l-smses in kwistjoni u l-prosekuzzjoni sejset il-kaz taghha biss fuq id-dikjarazzjonijiet tal-parte civile meta hija kienet marbuta li iggib l-ahjar prova.

L-artikolu 49(c) tal-Kap. 399 imbaghad jirreferi ghal uzu mhux xieraq tal-apparat elettroniku. Kif gia` kellha l-opportunita din il-Qorti li tikkummenta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francine Cini** *"uzu mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il-kappa tax-xemx, maghduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratt theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti."*[16] It-theddid irid ikollu wkoll il-karatteristika fundamentali li jkun jipprospetta xi forma ta' hsara ingusta. Kif gia` sottolineat aktar qabel b'rabta mat-tieni akkuza, dan ma rrizultax.

Sahansitra anke li kieku kellu jitqies li l-kliem li seta' intuza mill-imputat kien wiehed malafamanti, xorta bl-applikazzjoni tal-proviso li iddahhal bl-Att XI tal-2018, ma jkun jezisti l-ebda reat taht l-artikolu 49 tal-Kap. 399: *"Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att."*

[16] Pulizija vs Francine Cini deciza fl-24 ta' Lulju 2017

Lanqas ghalhekk ma tista' tirrizulta htija taht dan l-artikolu.

**D. <u>Artikolu 252(1) tal-Kap. 9 (Ingurji)</u>**

B'riferenza ghal dan l-artikolu, jinghad li kif tajjeb irrilevat id-difiza fin-nota taghha[17] dan l-artikolu 252(1) llum m'ghadux jezisti u gie abolit bis-sahha tal-Att XI tal-2018. Ghalhekk kif anke jghid il-Professur Mamo, il-proceduri ghandhom jieqfu u l-ebda sentenza ma tkun tista' tinghata b'rabta ma' dan ir-reat: *"If before the man is tried the legislature cancels the criminal character of the act with which he stands charged, there is no longer any justification for inflicting punishment upon him. The action of the State, in repealing the former law, which prohibited the Act, clearly shows that the public peace and order and the public welfare are no longer endangered or harmed by such type of act and that, therefore, the State has no longer any interest in repressing it, and, consequently, no right to punish it."*[18]

Din hija eccezzjoni ghar-regola fejn jinghad li ligi kriminali qatt ma jista' jkollha effett retroattiv. Ghalhekk htija taht dan l-artikolu ma tistax tirrizulta.

---

[17] Fol. 492 tal-process.
[18] Mamo A., Notes on Criminal Law, Part 1, pg 32

## E. Ksur tal-Artikolu 337C(1)(a), (ee) u (i) (Reati dwar il-Computer Misuse)

L-imputat fl-ahhar tlett akkuzi qieghed jigi akkuzat li:

(i) uża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex daħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew uża, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;[19]

(ii) fixkel jew interrompa l-funzjonament ta' sistema tal-informatika, billi daħħal data fil-computer, billi ittrassmetta, għamel ħsara, ħassar, iddeterjora, biddel jew żamm lura data bħal din jew billi irrendiha inaċċessibbli;[20]

(iii) uża l-kodiċi ta' dħul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f' computer jew b'xi mod kiser kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex akkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha;[21]

L-ostakolu principali fir-rigward ta' dawn it-tlett akkuzi huwa n-nuqqas ta' provi imressqa mill-parte civile u l-prosekuzzjoni, li kif inghad

[19] Artikolu 337C(1)(a)
[20] Artikolu 337C(1)(ee)
[21] Artikolu 337C(1)(i)

jinkombi fuqhom l-oneru tal-prova. Jidher li f'dan ir-rigward ma saru l-ebda investigazzjonijiet da parti tal-prosekuzzjoni sabiex jistabilixxu u jidentifikaw l-IP addresses minn fejn intbaghtu l-emails kif wkoll minn fejn inbiddlu l-passwords tal-facebook u l-google accounts. **Dawn l-investigazzjonijiet kellhom isiru propju qabel inhargu l-akkuzi u mhux fil-kors ta' din il-kawza.** L-unika prova li kien hemm hija d-dikjarazzjoni tal-parte civile li l-imputat wettaq dan. Din il-Qorti pero` ma tistax tistrieh fuq din is-semplici dikjarazzjoni tal-parte civile ghal sejbien ta' htija. Dan ghas-segwenti ragunijiet:

(a) l-imputat kellu access pien ghas-sistemi bil-kunsens u l-approvazzjoni tal-parte civile.[22] Apparti minn hekk fiz-zmien li Nicola Tardi kien qieghed jaghmilha ta' intermedjarju bejniethom, l-parte civile qatt ma gibditlu l-attenzjoni dwar dawn l-accounts, minkejja li kienet tghidlu kollox x'kien qieghed jigri;[23]

(b) ghal xi zmien wara li ma baqghux flimkien l-parte civile baqghet anke tuza s-servizzi tal-istess imputat u l-imputat baqa' jaghmel xoghol fl-interess tal-parte civile u presumbilment dan kien jimplika wkoll li hu kellu bil-fors jaghmel uzu mill-kompjuter tal-hanut tal-parte civile;

(c) il-parte civile qatt ma biddlet l-passwords originali li l-imputat kien konxju taghhom, anke wara li ma baqghux flimkien.[24] L-

[22] Fol. 48 tal-process.
[23] Fol. 359 tal-process.
[24] Fol. 48 tal-process.

aktar haga semplici li setghet ghamlet il-parte civile kienet li tbiddel il-passwords;

(d) Nicola Tardi jghid li s-sistema tal-compjuter u l-facebook kienu accessibbli ghal kull persuna fil-hanut u li hu stess gieli anke ghamel uzu mill-istess computer u facebook account.[25] Dak li jghid Tardi ma giex kontradett bl-ebda mod mill-parte civile.

Ghalhekk il-Qorti lanqas ma tista' issib htija fir-rigward ta' dawn it-tlett akkuzi.

<u>**DECIDE:**</u>

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak premess aktar 'l fuq, il-Qorti mhux qieghda issib lill-imputat hati tal-akkuzi li gew dedotti fil-konfront tieghu u qieghda ghalhekk tilliberah minnhom.

**Fl-ahhar nett il-Qorti tistieden liz-zewg partijiet sabiex jingabru madwar mejda u bi ftit buon sens bejniethom u bl-ghajnuna tal-legali taghhom jippruvaw isolvu l-kwistjonijiet civili ta' bejniethom u jaghlqu l-kapitolu tar-relazzjoni ta' bejniethom.**

______________________

**Dr Joseph Mifsud**

**Maġistrat**

[25] Fol. 358 tal-process.